MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 37/2012/3

**Gatt Enterpises Limited**

**-vs-**

**Francis Saliba u martu Lorraine Saliba**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Gatt Enterprises Limited li wara li ppremettiet li hija kreditrici fil-konfront ta' l-intimati ghall-ammont ta' €59,628.78 talbet lil din il-Qorti sabiex tordna l-bejgh in subbasta tal-fond cioe' id-dar minghajr numru bl-isem 'Franklor' fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex;**

**Rat in-nota ta' AF Ellis (Marble Works) Limited li permezz taghha ai termini tal-artikolu 346 (1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dahlet fl-atti tal-irkant bhala ezekutanta ohra wara li ppremettiet li hija wkoll kreditrici tal-istess intimati;**

**Rat in-nota ta' Joseph Caruana and Company Limited li permezz taghha ai termini tal-artikolu 346 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dahlet fl-atti tal-irkant bhala ezekutanta ohra wara li ppremettiet li hija wkoll kreditrici tal-istess intimati;**

**Rat li s-subbasta saret fl-14 ta' Ottubru 2013 u l-proprjeta' giet liberata definittivament favur Gatt Enterprises Ltd. ghall-prezz ta' €234,500, mil-liema somma gie depozitat fir-Registru l-ammont ta' €156,828.89 permezz ta' cedola datata 21 ta' Ottubru, 2013 kif ukoll is-somma ta' €77,671.11 permezz ta' cedola datata 17 ta' Dicembru, 2013, total depozitat ta' €234,500 u dan oltre l-ispejjez tal-istess cedoli mhallsa lir-Registratur tal-Qorti;**

**Rat ir-rikors tas-Socjeta' Gatt Enterprises Limited datat 17 ta' Dicembru, 2013 fejn talbet illi bhala kreditur ezekutant jitnaqqsu l-ammonti maghmula mis-socjeta' bhala spejjez tal-irkant, spejjez legali u spejjez tal-kanonizazzjoni tal-kreditu taghha ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-aritkolu 337 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Rat ir-rikors tas-Socjeta' Gatt Enterprises Limited datat 10 ta' Jannar, 2014 fejn talbet illi l-Qorti tordna l-konkors tal-kredituri filwaqt li regghet sostniet li hija kreditur tal-intimati ghas-somma ta' €77,671.11 flimkien mal-ispejjez tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu u tas-subbasta;**

**Rat li fit-22 ta' Jannar, 2014 il-Qorti ordnat il-ftuh ta' konkors ta' kredituri skont l-artikolu 416 (1) u (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li ordnat li jsiru l-pubblikazzjonijiet skont il-ligi, ordnat n-notifika ta' l-avviz lid-depozitanti tal-flus Gatt Enterprises Limited, lil Francis Saliba, lil Loraine Saliba, lil Dr. Carmelo Galea, lill-HSBC Bank Malta, lill-Banif Bank Malta plc, lil AF Ellis (Marble Works) Ltd, lil Joseph Caruana & Company Ltd, kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta' sekwestru kontra Francis u Lorraine Saliba;**

**Rat li li l-pubblikazzjonijiet mehtiega skont il-ligi saru.**

**Rat li fis-6 ta' Frar, 2014 is-Socjeta' AF Ellis (Marble Works) Limited talbet li tigi ammessa f'dan il-konkors ta' kredituri peress li ssostni li hija kreditrici ta' Francis Saliba u martu Loraine Saliba fl-ammont ta' €8,394.20;**

**Rat li fis-6 ta' Frar, 2014 is-Socjeta' Joseph Caruana and Company Limited talbet li tigi ammessa f'dan il-konkors ta' kredituri peress li ssostni li hija kreditrici ta' Francis Saliba u martu Loraine Saliba fl-ammont ta' €2,211.53;**

**Rat li fl-14 ta' Frar, 2014 l-HSBC Bank Malta plc talab li jigi ammess f'dan il-konkors ta' kredituri peress li jsostni li huwa kreditur ta'**

**Francis Saliba u martu Loraine Saliba fl-ammont ta' €98,905.09 kif ukoll imghax u spejjez taxxa;**

**Rat li fil-21 ta' Frar, 2014 l-Banif Bank (Malta) plc talab li jigi ammess f'dan il-konkors ta' kredituri peress li jsostni li huwa kreditur ta' Francis Saliba u martu Loraine Saliba fl-ammont ta' €15,734.23;**

**Rat li fil-25 ta' Frar, 2014 Dottor Carmelo Galea talab li jigi ammess f'dan il-konkors ta' kredituri peress li jsostni li huwa kreditur ta' Francis Saliba fl-ammont ta' €12,598.52;**

**Rat li fis-27 ta' Frar, 2014 Benigno u Giacinta konjugi Saliba talbu li jigu ammessi f'dan il-konkors ta' kredituri peress li jsostnu li huma kredituri tal-intimat Francis Saliba fl-ammont ta' €9,958;**

**Rat ir-rikors tas-Socjeta' Gatt Enterprises Limited datat 13 ta' Gunju, 2014 fejn din il-Qorti ntalbet tordna l-protezzjoni tas-somma depozitata mis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 423 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u d-digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti rriservat li tiddeciedi dwar jekk tordnax l-ghoti ta' garanzija jew le fid-decizjoni finali;**

**Rat l-atti kollha.**

**Ikkunsidrat:**

**Illi bis-sahha tas-subbasta numru 37/2012 gie liberat a favur tas-Socjeta' Gatt Enterpises Limited l-immobbli bl-isem 'Franklor', fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex u dan versu l-prezz ta' €234,500.**

**Illi l-prezz kollu ta' €234,500 gie depozitat fir-Registru.**

**Kif diga' gie rilevat, din il-qorti permezz tad-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 2014 ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri ai termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap 12.**

**Illi wara r-rikors tas-Gatt Enterprises Ltd. u d-debita pubblikazzjoni u notifiki hekk kif ordnati minn din il-qorti, wiegbu fiz-zmien rikjest mil-ligi, is-Socjeta' AF Ellis (Marble Works) Limited, is-Socjeta' Joseph Caruana and Company Limited, l-HSBC Bank Malta plc, l-Banif Bank (Malta) plc, Dottor Carmelo Galea u Benigno u Giacinta konjugi Saliba;**

**Illi ai termini ta' l-artikolu 420(2) tal-Kap 12:**

> **"(2) Fis-smigh tal-kawza l-konkorrenti jigu mismugha mill-qorti sew biex jippruvaw il-kreditu taghhom u r-raguni li ghaliha dan il-kreditu ghandu jithallas qabel krediti ohra jew bi preferenza fuqhom, kemm ukoll biex jikkontestaw it-talbiet tal-konkorrenti l-ohra, u dwar kull haga li tkun mehtiega sabiex il-kompilazzjoni tal-kawza tkun kompluta minn kollox. Jigu mismughin ukoll id-debitur, id-depozitant u kull persuna ohra li tkun dehret fil-kawza."**

**Illi ghalhekk jehtieg li din il-qorti tikkunsidra jekk min qieghed jippretendi li huwa kreditur ta' Francis Saliba u martu Loraine Saliba fil-fatt ressaqx il-prova ta' tali kreditu.**

**(i) <u>Gatt Enterprises Limited</u>**

**Jirrizulta li Gatt Enterprises Limited hija kreditrici tas-segwenti:**

- **Hija giet kanonizzata kreditrici fl-ammont ta' €59,628.78 permezz ta' sentenza li ghaddiet in gudikat bin-numru 48/2011 fl-ismijiet 'Gatt Enterprises Limited vs Francis Saliba u martu Lorraine Saliba' deciza fl-10 ta' Novembru 2011. Skont l-istess Socjeta' sas-17 ta' Dicembru, 2013 l-interessi telghu ghal €13,237.15[1]. Id-decizjoni kienet ordnat il-hlas tal-imghax mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv;**

- **Jirrizultaw ukoll minn taxxa ufficcjali li huma dovuti wkoll spejjez tal-kawza li ghadha kif issemmiet 48/2011 fl-ammont ta' €1,841.03[2] eskluz il-vat.**

- **Jirrizultaw ukoll minn taxxa ufficcjali li huma dovuti wkoll spejjez tas-subbasta fl-ammont ta' €2,772.10[3] eskluz il-vat.**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €77,479.06 flimkien mal-vat dovuta fuq id-drittijiet tal-Avukati;**

**Is-Socjeta' Gatt Enterprises Limited ghandha favur taghha Ipoteka Generali u Ipoteka specjali fuq il-fond mibjugh bis-subbasta datata 21 ta' Dicembru, 2011[4];**

---

[1] Rikors a fol. 231 tal-process.
[2] A fol 8 tal-process.
[3] A fol 167 tal-process.

**(ii) AF Ellis (Marble Works) Limited**

**Mill-atti processwali jirrizulta li AF Ellis (Marble Works) Limited hija kreditrici tal-konjugi Saliba :**

- **Hija giet kanonizzata kreditrici ta' Francis Saliba fl-ammont ta' €5001.86 permezz ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta bin-numru 41/2011[5] filwaqt li ghall-istess ammont giet kanonizzata favur Loraine Saliba permezz ta' decizjoni fl-ismijiet AF Ellis (Marble Works) Limited vs. Loraine Saliba datat 9 ta' Ottubru, 2012 bin-numru 8/2011[6];**

- **€1806.17 rapprezentanti mghax dovut fuq is-somma msemmija sal-4 ta' Frar, 2014 rizultanti wkoll mill-ittra ufficcjali kif ukoll il-kawza msemmija;**

- **€138.27 rapprezentanti spejjez u drittijiet tal-ittra ufficcjali[7] eskluz il-vat;**

- **€775.68 rapprezentanti spejjez u drittijiet tal-kawza msemmija[8] eskluz il-vat;**

- **€81.56 rapprezentanti spejjez u drittijiet tal-mandat ta' qbid numru 24/2013[9] eskluz il-vat;**

- **€187.17 rapprezentanti spejjez u drittijiet tas-subbasta numru 37/2012 rizultanti minn taxxa ufficjali[10] eskluz il-vat;**

---

[4] A fol 7 tal-process.
[5] A fol 268 tal-process
[6] A fol 271 tal-process
[7] A fol 273 tal-process
[8] A fol 274 tal-process
[9] A fol 277 tal-process
[10] A fol 278 tal-process

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €7990.71 flimkien mal-vat dovuta fuq id-drittijiet tal-Avukati;**

**Is-Socjeta' AF Ellis (Marble Works) Limited ghandha favur taghha Ipoteka Generali datata 8 ta' Frar, 2013 u Ipoteka specjali fuq il-fond mibjugh bis-subbasta datata 20 ta' Frar, 2013;**

**(iii) Joseph Caruana and Company Limited**

**Mill-atti processwali jirrizulta li Joseph Caruana and Company Limited hija kreditrici tal-konjugi Saliba :**

- **Hija giet kanonizzata kreditrici tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €1867.36 permezz ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta bin-numru 86/2013[11];**

- **€138.75 rapprezentanti nteressi dovuti fuq is-somma msemmija sal-5 ta' Frar, 2014;**

- **€85.29 rapprezentanti spejjez u drittijiet tal-ittra ufficcjali[12] eskluz il-vat;**

- **€101.59 rapprezentanti spejjez u drittijiet tas-subbasta numru 37/2012 rizultanti minn taxxa ufficjali[13] eskluz il-vat;**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €2,192.99 flimkien mal-vat dovuta fuq id-drittijiet tal-Avukati u prokuraturi legali;**

---

[11] A fol 285 tal-process
[12] A fol 289 tal-process
[13] A fol 291 tal-process

**Is-Socjeta' ghandha favur taghha Ipoteka Generali datata 24 ta' Marzu, 2014[14]**

**(iv) <u>HSBC Bank Malta plc.:</u>**

**Mill-atti processwali jirrizulta li HSBC Bank Malta plc. hija kreditrici tal-konjugi Saliba :**

- **Hija giet kanonizzata kreditrici tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €98,905.09 permezz ta' sentenza li ghaddiet in gudikat fl-ismijiet 'HSBC Bank Malta plc vs. Francis Saliba et.' datata 10 ta' Jannar, 2014[15];**

- **Il-Bank ma ndikax l-ammont ta' imghax dovut fuq l-istess somma wara d-data tad-decizjoni allura dan ma jistax jitqies li huwa pruvat f'dawn il-proceduri, salv u mpregudikat id-dritt ghall-irkupru tal-istess;**

- **Il-Bank ukoll ma pprezentax prova tal-ispejjez tal-istess kawza allura dawn ma jistghux jitqiesu bhala pruvati f'dawn il-proceduri, salv u mpregudikat id-dritt ghall-irkupru tal-istess;**

- **Giet prezentata taxxa tal-ittra 166A prezentata fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €68.30 eskluz vat[16];**

- **Mit-taxxa tas-subbasta 37/2012[17] jirrizulta l-ammont ta' €50.63 eskluz vat dovut lill-Bank ezekutant;**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €99,024.02 flimkien mal-vat dovuta fuq id-drittijiet tal-Avukati u prokuraturi legali;**

---

[14] A fol 367 tal-process
[15] A fol 297 tal-process
[16] A fol 197 tal-process
[17] A fol. 358 tal-process

**Il-Bank ghandu favur tieghu Ipoteka Generali fil-konfront tal-konjugi Saliba u Ipoteka Specjali fuq il-fond mibjugh bis-subbasta fil-konfront tal-konjugi Saliba datati 14 ta' Dicembru, 2009 ghas-somma ta' €90,000, Ipoteka Generali ghas-somma ta' €2,025.38 li ssejjah lil Francis Saliba datata 9 ta' Novembru, 2012, Ipoteka specjali ghas-somma ta' €2025.38 fuq nofs il-fond mibjugh bis-subbasta li kien jappartjeni lil Francis Saliba datata 13 ta' Marzu, 2013; Ipoteka Generali li sejjah lil Francis Saliba datata 9 ta' Novembru, 2012 fuq is-somma ta' €10,498.09; 2012; Ipoteka specjali ghas-somma ta' €10,498.09 fuq nofs il-fond mibjugh bis-subbasta li kien jappartjeni lil Francis Saliba datata 15 ta' Marzu, 2013;**

**(v) <u>Banif Bank (Malta) plc.:</u>**

**Mill-atti processwali jirrizulta li Banif Bank (Malta) plc. hija kreditrici tal-konjugi Saliba :**

- **Hija giet kanonizzata kreditrici tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €11,655.35 permezz ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta bin-numru 50/2011[18] kif ukoll decizjoni fl-ismijiet 'Banif Bank (Malta) plc vs. Francis u Loraine (konjugi) Saliba datata 12 ta' April, 2013 numru 60/2012[19];**

- **€1,064.95 imghax kalkulat sas-7 ta' Frar, 2014[20]**

- **Giet prezentata taxxa tal-ittra 166A prezentata fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €277.32 eskluz vat[21];**

---

[18] A fol 309 tal-process
[19] A fol 311 tal-process
[20] A fol 307 et seq tal-process
[21] A fol 326 tal-process

- **Giet prezentata taxxa tal-mandat ta' inibizzjoni numru 34/2012 fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €276.45 eskluz vat[22];**

- **Giet prezentata taxxa tal-mandat ta' sekwestru numru 89/2012 fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €149.14 eskluz vat[23];**

- **Giet prezentata taxxa tal-kawza bin-numru 60/2013 fl-ammont ta' €1232.94 eskluz vat[24];**

- **Giet prezentata taxxa tal-mandat ta' sekwestru numru 75/2013 fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €123.51 eskluz vat[25];**

- **Giet prezentata taxxa tal-mandat ta' sekwestru numru 82/2013 fil-konfront tal-konjugi Saliba fl-ammont ta' €178.61 eskluz vat[26];**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €14,958.27 flimkien mal-vat dovuta fuq id-drittijiet tal-Avukati u prokuraturi legali;**

**Il-Bank ghandu favur tieghu Ipoteka Generali li ssejjah lil Francis Saliba u Ipoteka Specjali fuq nofs il-fond mibjugh bis-subbasta li kienet issejjah lil Francis Saliba ghas-somma ta' €11,413.86 datati 12 u 13 ta' Lulju, 2012 rispettivament, Ipoteka Generali li ssejjah lil Loraine Saliba u Ipoteka Specjali fuq nofs il-fond mibjugh bis-subbasta li kienet issejjah lil Loraine Saliba ghas-somma ta' €11,655.35 datati 30 ta' Mejju, 2013 u 10 ta' Settembru, 2013 rispettivament.**

**(vi) <u>Dottor Carmelo Galea</u>**

**Mill-atti processwali jirrizulta li Dottor Carmelo Galea huwa kreditur ta' Francis Saliba:**

---

[22] A fol 327 tal-process
[23] A fol 328 tal-process
[24] A fol 329 tal-process
[25] A fol 330 tal-process
[26] A fol 331 tal-process

- **drittijiet, spejjez u Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq diversi kawzi li taghhom gew prezentati t-taxxi a fol sa 355 tal-process filwaqt li l-kreditu dovut skond l-istess gie kanonizzat permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 2 ta' Dicembru 2013 a fol. 356 tal-process ghas-somma ta' €12,477.47 inkluz il-vat. Fil-25 ta' Ottubru, 2013 gietipprezentata ittra ufficcjali fil-konfront ta' Francis Saliba li rrendiet is-somma ezegwibbli fil-konfront ta' Francis Saliba;**

- **Giet prezentata wkoll taxxa in konnessjoni mas-subbasta numru 37/2012 li tindika s-somma ta' €121.05 bhala dovuti nkluz il-vat[27].**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €12,598.52 nkluz vat;**

**(vii) <u>Benigno u Giacinta konjugi Saliba:</u>**

**Mill-atti processwali jirrizulta li Benigno u Giacinta konjugi Saliba huma kredituri ta' Francis Saliba :**

- **Ghas-somma ta' €9,958 ai termini ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu esebit a fol. 360 datat 3 ta' Frar, 2014 liema kuntratt gie res esegwibbli ai termini ta' ittra ufficcjali datata 26 ta' Frar, 2014[28]; '**

**Ghalhekk l-ammont ippruvat huwa ta' €9,958 ;**

**Illi ghalhekk fl-atti tas-subbasta odjerna, wara li l-qorti rat l-artikoli tal-ligi, jirrizulta li l-gradwazzjoni ghandha tkun bil-mod kif gej:**

[27] A fol 358 tal-process
[28] A fol 361 tal-process

**<u>1. Kredituri Ezekutanti</u>**

**L-artikolu 337(3) u l-artikolu 344 tal-Kap 12 jipprovdu li l-ewwel ghandhom jithallsu lill-kreditur ezekutant l-ispejjez tal-irkant bla ebda kondizzjoni kif ukoll jiehu lura l-ispejjez legali u l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu taht l-obbligazzjoni, imsahha b'garanzija tajba, li jerga' jroddhom lix-xerrej f'kaz ta' evizzjoni tal-immobbli li jkun gie hekk illiberat;**

**Ai termini ta' l-artikolu 346 tal-Kap 12, il-kredituri ezekutanti mhumiex biss dawk il-kredituri originali li jkunu taw bidu ghall-proceduri ta' subbasta izda huma l-kredituri l-ohra kollha li jkunu dahlu kompartecipi f'dawk il-proceduri ai termini ta' l-istess artikolu.**

**Fil-kaz in kwistjoni ghalhekk il-kredituri ezekutanti kienu Gatt Enterprises Ltd., AF Ellis (Marble Works) Ltd, Joseph Caruana and Company Ltd., Dr. Carmelo Galea u HSBC Bank Malta plc.**

**Ghalhekk mill-ammont depozitat qabel xejn ghandhom jigu prelevati dawk l-ammonti mhallsa minn dawn il-kredituri ezekutanti nkluz l-ispejjez tas-subbasta u l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghhom kif pruvati fl-atti ta' dan il-konkors tal-kredituri.**

**2. <u>Kredituri</u>**

**Fl-atti rrizulta li bosta mill-kredituri jgawdu xi tip ta' preferenza u dan ai termini tal-ipoteki generali u / jew specjali registrati favur taghhom;**

**(i) L-ewwel kreditur li jirrizulta li ghandu preferenza huwa l-HSBC Bank Malta plc stante l-ipoteki generali u specjali datati 14 ta' Dicembru, 2009 oltre dawk sussegwenti;**

**(ii) It-tieni kreditur li ghandu preferenza hija s-Socjeta' Gatt Enterprises Ltd. stante l-ipoteka generali datata 21 ta' Dicembru, 2011 u l-ipoteka specjali fuq il-fond mibjugh datata 21 ta' Dicembru, 2011;**

**(iii) It-tielet kreditur li jirrizulta li ghandu preferenza ghal nofs is-somma dovuta lilu biss fuq in-nofs appartenenti lil Francis Saliba huwa l-Banif Bank (Malta) plc. stante l-ipoteki generali fil-konfront ta' Francis Saliba u l-proprjeta' mibjugha datati 12 u 13 ta' Lulju, 2012;**

**(iv) Ir-raba kreditur bi preferenza hija s-Socjeta AF Ellis (Marble Works) Ltd. stante ipoteka generali datata 8 ta' Frar, 2013 u l-ipoteka specjali fuq il-fond mibjugh bis-subbasta datata 20 ta' Frar, 2013;**

**(v) Il-hames kreditur bi preferenza huwa l-Bank Banif Bank (Malta) plc ghal nofs is-somma dovuta lilu fuq in-nofs appartenenti lil Loraine Saliba stante l-ipoteki generali fil-konfront ta' Loraine Saliba datati 30 ta' Mejju, 2013 u 10 ta' Settembru, 2013;**

**(vi) Is-sitt kreditur bi preferenza hija s-socjeta' Joseph Caruana and Company Limited b'referenza ghall-ipoteka generali datata 24 ta' Marzu, 2014;**

**Iz-zewg kredituri rimanenti cioe' Dr. Carmelo Galea u Benigno u Giacinta konjugi Saliba ma jgawdu l-ebda dritt ta' preferenza. Id-dejn dovut lilhom jirrizulta izda li huwa unikament dovut minn**

**Francis Saliba kemm ghaliex il-kuntratti saru wara l-pubblikazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-konjugi kif ukoll ghaliex fil-fatt fuq il-kuntratti deher biss Francis Saliba. Dawn iz-zewg kredituri, wara li jithallsu l-kredituri l-ohra, ghandhom jikkonkorru skont kif jiddisponi l-artikolu 1995 (1) tal-Kap 16 ossija li** ***Il-beni tad-debitur huma garanzija komuni tal-kredituri tieghu, illi ghandhom ilkoll jedd indaqs fuq dawk il-beni, kemm-il darba ma jkunx hemm bejniethom jeddijiet legittimi ta' preferenza jew ma jkunx hemm trasferiment ta' xi proprjetà bhala garanzija jew trasferiment taht trust ta' garanzija ghal dak il-ghan skont dan il-Kodici.***

**Dan izda ghandhom jithallsu biss min-nofs is-somma depozitata li jista' jibqa' u li ghalhekk issejjah lil Francis Saliba wara li jithallsu l-kredituri l-ohra msemmija. In-nofs rimanenti, jekk ikun hemm, tkun dovuta unikament lil Loraine Saliba, salvi u mpregudikati drittijiet ta' kredituri ohra skont il-ligi.**

**Ghoti ta' Garanzija**

**Illi s-Socjeta' Gatt Enterprises Limited intavolat rikors datat 13 ta' Gunju, 2014 fejn din il-Qorti ntalbet tordna l-protezzjoni tas-somma depozitata mis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 423 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti wara li rat ir-risposti u d-digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti rriservat li tiddeciedi dwar jekk tordnax l-ghoti ta' garanzija jew le fid-decizjoni finali, taghmel referenza ghall-artikolu 423 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u taqbel ma' uhud mir-risposti fejn huwa emfasizzat li dan l-artikolu japplika biss f'kaz li d-depozitant ikun irriserva d-dritt tal-garanzija fil-mument tad-depozitu. F'dan il-kaz ma jirrizultax li s-Socjeta' Gatt Enterprises Limited irriservat dan id-dritt. Ghalhekk it-talba tas-Socjeta' Gatt Enterprises Limited ghall-protezzjoni tas-somma depozitata m'hiex gjustifikata fil-ligi u qed tigi michuda. Fi**

**kwalunkwe kaz parti sostanzjali mis-somma depozitata ser tkun ghand l-istess Socjeta' Gatt Enterprises Limited filwaqt li r-rimanenti fil-maggor parti ser tghaddi ghand il-Banek li huma garanzija minnhom infushom bhala istituzzjoni bankarja;**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li fil-konkors tal-kredituri :**

**(1) Tiddikjara li fl-ewwel lok mill-ammont depozitat ghandhom jigu prelevati dawk l-ammonti mhallsa mill-kredituri ezekutanti kif pruvati fl-atti u jigu rilaxxjati favurihom u dan kif spjegat aktar 'il fuq fis-subtitolu Kredituri Ezekutanti .**

**(2) Tordna ghalhekk li l-kredituri ezekutanti ghandhom jithallsu l-ispejjez dovuti lilhom skont il-ligi kif spjegat aktar 'il fuq fis-subtitolu Kredituri Ezekutanti nkluz vat dovuta fuq id-drittijiet legali.**

**(3) Tidddikjara li mill-bilanc li jifdal ghandhom jithallsu l-Kredituri minn (i) sa (vi) skont il-preferenzi kif dikjarat fis-subtitolu 'Il-kredituri' kull wiehed ghall-ammont li gie dikjarat li huwa pruvat f'din id-decizjoni nkluz vat dovuta fuq id-drittijiet legali;**

**(4) Tiddikjara li z-zewg kredituri rimanenti Dottor Carmelo Galea u Benigno u Giacinta konjugi Saliba ghandhom jithallsu 'pro rata' min-nofs is-somma rimanenti dovuta lil Francis Saliba;**

**(5) Salvi u mpregudikati drittijiet ta' terzi kredituri ohra tal-intimati skont il-ligi fuq kwalunkwe somom rimanenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------